MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 44/2011

Kawza fil-lista: 25

**A B**

**Vs**

**C B**

**Il-Qorti**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti

(1) tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-ragunijiet imputabbli lill-konvenut ghall-finijiet tal-Artikolu 48 ( c ) tal-Kodici Civili u tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kkunsidrat li kien hati tal-firda;

(2) tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha;

(3) tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

(4) tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess;

(5) tawtorizza lill-attrici tirregistra l-effetti tas-sentenza fir-Registru Pubbhliku.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha ssottometta:

1. Illi filwaqt li jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet pero' jikkontesta li dan huwa htija tieghu.

2. Illi hemm qbil dwar it-tieni talba attrici.

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi michuda peress li ma jezistux l-estremi sabiex jigu applikati fil-konfront tieghu l-effett tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

4. Illi jaqbel mar-raba' talba attrici b'dan pero' illi m'ghandiex tigi stabbilita data kif mitlub peress li l-htija ghat-tkissir taz-zwieg hija unikament tal-attrici.

5. Illi huwa jaqbel mal-hames talba attrici.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Gunju 1977 u minn dan iz-zwieg kellhom hamest itfal li llum huma kollha maggorenni. Kellhom flat gewwa Birzebbugia mikri minghand il-Gvern. L-attrici telqet minn dan il-post u llum tghix ma' wahda minn uliedha.

L-attrici xhedet illi matul iz-zwieg kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn il-konvenut refa' jdejh fuqha u dan anke quddiem it-tfal meta kienu ghadhom zghar. Anke ma' uliedhom kien vjolenti fizikament. Il-konvenuta tat dettalji ta' diversi episodji vjolenti gravi li kienet vittma taghhom taht idejn il-konvenut. Spjegat li spiss fil-passat kienet ukoll takkumpanja lil zewgha fl-ghases tal-pulizija minhabba diversi incidenti vjolenti li kien ikollu ma' diversi nies tant li fil-prezent qed jiskonta sentenza ta' habs fuq wiehed minn dawn ir-reati. Fil-fatt spjegat li l-konvenut "ghandu fedina penali twila hafna b'reati li huwa kkommetta u ftit jew wisq huwa diehel u hiereg il-habs minhabba fir-reati kontinwi li huwa jaghmel;"[1]

Kien minhabba l-agir vjolenti tal-konvenut li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali.

L-attrici llum lahqet l-eta' tal-irtir u ma ma hiex tahdem. Anke l-konvenut lllum huwa pensjonant. Ghalhekk hija qed titlob li tippercepixxi nofs il-pensjoni pagabbli lill-konvenut stante li ma ghandha l-ebda dhul iehor.

[1] Fol. 35

Il-konvenut kien xufier tal-karrozzi tal-linja.  L-attrici spjegat illi l-konvenut kien ghamel ftehim mal-Gvern u kien irceva hlasijiet fosthom €13,500 li ircevihom kollha l-konvenut u kien jonqsu jiehu €90,000.00 li minnhom €20,000 gew depozitati l-Qorti in segwitu ghal mandat ta' sekwestru li intavolat l-attrici.

Dwar il-flat mikri minghand il-Gvern l-attrici ddikjarat li qed tirrinunzja ghall-kwalunkwe dritt ta' inkwilinat li kellha fuq dan il-fond u tikkontendi li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma li jsejhu lill-konvenut ghandhom jithallsu unikament minnu stante li hi ilha li telqet mill-fond matrimonjali

Rapprezentant ta' Arms Ltd xhed illi fuq il-flat mikri lill-konvenut hemm kontijiet ta' dawl u ilma mhux imhallsa li jlahqu 'il fuq minn €13,000

Il-konvenut xhed illi l-episodji gravi li l-attrici spjegat li issubiet taht idejh ma kienu xejn ghajr "incidenti".  Fi stadju ulterjuri tax-xhieda tieghu jammetti li graw l-incidenti fil-konfront tat-tfal kif xhedet l-attrici izda jghid li dawn kienu wkoll incidenti.  Jispjega li lil wiehed mit-tfal kien waddablu seratiz ghaliex kien kelmu hazin.

Dwar l-arretrati ta' kera fuq il-fond matrimonjali xhed li jaf li jrid ihallas l-arretrati ta' kera u qal li kien lahaq arrangament ma' Albert Mamo tad-Dipartiment tal-Lands dwar programm ta' pagamenti.

Ammetta wkoll li ghandu numru ta' karrozzi tal-linja fuq ismu.  In-numri taghhom jinstabu indikati f'dokumenti li jinsab ezebit a fol. 38 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet**.

M’hemmx kuntrast bejn il-partijiet li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabbilment. Ma jaqblux pero’ dwar min jahti ghal dan.

Minn ezami tal-provi prodotti il-Qorti hi tal-fehma li ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahti unikament il-konvenut minhabba agir vjolenti fil-konfront tal-attrici u ta’ uliedu. Il-Qorti kellha l-okkazzjoni xejn pjacevoli tikkonstata framment zghir mill-komportament agressiv tal-konvenut fil-konfron tal-attrici waqt is-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2013 meta waqt l-udjenza l-konvenut indirizza kliem fil-konfront tal-attrici tant li l-Qorti kellha tordna li l-konvenut jigi zgumbrat mill-awla.

Mill-provi jirrizulta li l-agir vjolenti tal-konvenut ma kienx rizervat biss ghal terzi izda kien ukoll indirizzat lill-attrici martu u lil uliedu u dawn kienu okkazzjonijet spissi. Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-kirija tal-fond matrimonjali ghandha tibqa’ ssejjah lill-konvenut, huwa ghandu jaghmel tajjeb ghall-arretrati kollha tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Peress li l-attrici ma kelliex dhul bil-hidma taghha mhux mehtieg li l-Qorti tistabbilixxi data ai termini tal-Artikolu 48 ( c ) tal-Kap. 16

Dwar assi tal-komunjoni jirrizulta li l-konvenut ghandu fuq ismu diversi karrozzi filwaqt li irceva u ghandu jircevi hlasijiet ohra in konnessjoni mal-ftehim li kien sar fir-rigward ta’ dawn il-karrozzi tal-linja.

Ghalkemm fin-nota guramentata taghha l-attrici issottomettiet li qed tippretendi manteniment mingahnd il-konvenut konsistenti f’nofs il-pensjoni minnu percepita; mir-rikors guramentat ma jirrizultax li saret talba ghall-manteniment u ghalhekk il-Qorti ma tistax takkolji tali pretensjoni

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut minhabba atti vjolenti fil-konfront tal-attrici u fil-konfront ta' ulied il-partijiet, u minhabba servizz, eccessi, minacci, mohqrija u ngurji gravi.

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha.

3. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kap. 16.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna l-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-istess bil-mod segwenti:

i) Tordna l-bejgh taht l-awtorita' tal-Qorti tas-segwenti vetturi licenzjati fuq isem il-knovenut: BAU189; BAD691; LCF339; LCH445; D3677; K5351W; K3905W; N2249; LAI167; HBA938; IAD393; C1621; CAD974; DBA941; G1736W; G3319; S4229; HAH523; KAR143; EAD656; Y0532; EBY532; HAS801; CRX028; U GDM133, f'liema bejgh jistghu ukoll jaghmlu offerti terzi pesuni apparti l-partijiet.

ii) Tordna li t-titolu ta' kera fuq il-fond Block 5, House 2, Officer's Mess, Triq Hal Far, Hal Far isejjah unikament lill-konvenut filwaqt li l-arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma fuq l-istess fond ghandu jaghmel tajjeb ghalihom unikament il-konvenut.

iii) Tordna li l-ammont kollu li kien dovut lill-konvenut minghand Transport Malta jew entitajiet ohra ghandu jithallas in kwantu ghal nofs lill-attrici u in kwantu ghal nofs lill-konvenut. Ghalhekk l-attrici ghandha tippercepixxi nofs l-ammont li hemm gia depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti, filwaqt li kwalunkwe ammont li ghad irid jithallas ghandu jigi effetwat nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**IMHALLEF**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------